# STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA B'RABTA MA' ŻVILUPPI FIS-SITWAZZJONI INTERNAZZJONALI

Sur President, f'dinja li qed tinbidel b'pass mgħaġġel ħafna, Malta tibqa' soda, stabbli u fuq in-naħa tan-nies u tan-negozji. Meta l-avvenimenti fid-dinja qed jiċċaqalqu b'veloċità kbira, ir-responsabbiltà tagħna hija li nżommu lil Malta stabbli, protetta u mħarsa.

Sur President, qed nagħmel din l-Istqarrija Ministerjali fil-kontest tal-iżviluppi internazzjonali li komplew jeskalaw, u l-impatt tagħhom issa beda jinħass u jidher. Illum, għall-ewwel darba f'erba' snin, minn żmien il-pandemija tal-COVID-19, il-prezz taż-żejt qabeż sew il-100 dollaru il-barmil. Iva, Sur President, il-prezz taż-żejt qabeż il-100 dollaru l-barmil u kien hemm mumenti li l-prezz saħansitra mess il-120 dollaru l-barmil. Dan kollu b'konsegwenza tal-fatt li hemm magħluq l-Istrett ta' Hormuż, passaġġ dejjaq iżda kruċjali għas-settur tal-enerġija, għaliex 20% tal-gass u ż-żejt jgħaddu minn hemmhekk.

Qed ngħixu żminijiet xejn sbieħ għad-dinja. Żminijiet ta' taqlib ġeopolitiku kbir. Żminijiet li jitolbu għaqal, maturità u responsabbiltà kbira fit-tmexxija. L-isfidi internazzjonali issa laqtu l-ħajja ta' kuljum tal-familji, anke ta' nies imbiegħda wisq mir-reġjun fejn għaddejja l-gwerra.

Issa li din l-aħħar gwerra ġeopolitika daħlet fl-għaxar jum tagħha, l-ekonomisti qed ibassru li r-rata ta' madwar 2% fiż-żamma tal-inflazzjoni huwa tbassir li mhux se jintlaħaq fid-dinja tal-Punent.

L-ishma fl-Ewropa llum ħadu daqqa 'l isfel, partikolarment fir-Renju Unit, Franza u l-Ġermanja. Anke s-suq internazzjonali fl-Asja ħa daqqa kbira. Fil-Ġappun id-daqqa kienet ta' aktar minn 5%. Biex nifhmu, dan huwa aktar mid-doppju ta' dak esperjenzat dalgħodu fil-Ġermanja u Franza.

Imbagħad għandek l-aspett umanitarju, daqstant ieħor importanti, li naturalment jinħass fir-reġjun milqut. Pajjiżi fil-Golf Għarbi li ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-gwerra spiċċaw fil-mira wkoll. L-attakki permezz ta' drones bqajna narawhom, u anke saħansitra ndarbu u mietu n-nies. Fil-Bahrain, 32 persuna ndarbu, fosthom tfal, u dan wara attakki minn drones li huwa rapportat li ġew mill-Iran.

Fil-Libanu, Iżrael qed jattakka l-militanti Hezbollah, bin-nies ċivili maqbuda fin-nofs, partikolarment mal-fruntiera fejn hemm il-Golan Heights. Illum anke ntalbet laqgħa urġenti tal-Ministri tal-Finanzi tal-pajjiżi tal-G7.

Sur President, dan kollu qed ngħidu biex nifhmu li din l-eskalazzjoni kollha qed tħalli effetti kbar. Ħafna minn dawn l-effetti huma bla preċedent. Is-sitwazzjoni taħraq, u hi serja ħafna.

Quddiem dan kollu aħna, bħala pajjiż newtrali, mingħajr ebda bażi militari, nibqgħu ffokati dejjem li nwasslu l-messaġġ tagħna favur deskalazzjoni. Fl-aħħar jiem kelli l-opportunità li nitkellem permezz tat-telephone mal-President tal-Kunsill Ewropew Antonio Costa. Miegħu enfasizzajt il-ħtieġa li r-rispons tagħna bħala mexxejja tal-Istati Membri Ewropej irid ikun aktar effettiv u b'aktar intensità favur id-deskalazzjoni.
Irridu nkunu aktar magħqudin fil-messaġġ tagħna u nservu ta' medjazzjoni.

Fl-istess waqt li qed jiġri dan kollu, għadha għaddejja l-gwerra bejn l-Ukrajna u r-Russja.

Sur President, bħala pajjiż għandna d-dmir li nitkellmu u nitkellmu b'saħħitna kollha dwar il-ħtieġa ta' stabbiltà internazzjonali. In-newtralità tagħna tagħtina s-saħħa li nitkellmu b'aktar kredibbiltà favur id-djalogu. Aħna l-pajjiż li tellajna fuq l-aġenda internazzjonali l-impatt tal-gwerer fosthom fuq it-tfal u allura huwa żgur li ma nistgħux noqogħdu siekta. Newtrali ma jfissirx li aħna passivi, anzi attivi aktar minn qatt qabel favur illi tiġi stabbilita l-paċi. Bdejna naraw passi favur medjazzjoni imma nilludu ruħna jekk naħsbu li d-dinja qed timxi lejn dik it-triq.

Fl-aħħar sigħat, iċ-Ċina bagħtet il-mibgħut speċjali tagħha f'Riyadh biex jimmedja f'din it-tensjoni. Imma s-sitwazzjoni tindika li l-affarijiet jistgħu jtulu, b'naħa jew oħra mhux lesta tpoġġi mal-mejda.

Il-Mediterran mhuwiex estranju għal dan kollu. Dak li rajna jseħħ f'Ċipru, meta bażi militari Ingliża spiċċat fil-mira ta' attakki, huwa ta' tħassib għalina lkoll li ngħixu f'dan ir-reġjun. Fl-istess waqt, it-Turkija bagħtet l-ajruplani tal-gwerra tagħha fit-territorju tat-Tramuntana ta' Ċipru li huwa taħt l-influwenza politika tagħha.

Quddiem dan kollu, quddiem dawn it-tensjonijiet kbar kollha, il-ħidma tagħna tistrieħ fuq żewġ binarji: waħda li nistinkaw kemm nifilħu għall-paċi, u l-oħra li nieħdu ħsieb il-familji u n-negozji tagħna kollha.

It-tieni binarju qsamnieh fi tnejn. L-ewwel wieħed kien li kellna ċ-ċittadini tagħna li xtaqu jiġu evakwati mill-pajjiżi milquta u dik tajnieha prijorità minnufih. Nhar is-Sibt filgħodu, wara ħidma kbira mill-awtoritajiet Maltin - u minn hawn nirringrazzja minn qalbi lid-Deputat Prim Ministru Ian Borg - waslu f'pajjiżna ċittadini Maltin b'titjira diretta minn Dubaj fl-Emirati Għarab Magħquda. Ħajr ukoll, xejn inqas, lill-ħaddiema fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u lis-Segretarju Permanenti fi ħdan l-istess Ministeru, Christopher Cutajar.

Urejna kif bħala pajjiż aħna kapaċi nkunu deċiżivi u verament nieħdu ħsieb iċ-ċittadini tagħna. Assigurajna li ċ-ċittadini tagħna jiġu lura lejn pajjiżna qawwijin u sħaħ. Għamilna dan, kif ħabbart qabel, billi bħala Gvern erfajna l-ispejjeż kollha u l-kordinazzjoni marbuta mal-vjaġġ mingħajr ma ntefa' piż wieħed, li hu wieħed, fuq dawn il-familji Maltin li kienu għaddejjin minn tensjoni u mumenti diffiċli meta f'tebqa t'għajn ma baqgħux jgħixu l-ħajja normali li kienu mdorrijin biha. Fis-sigħat ta' wara li l-ajruplan telaq minn Dubaj, rajna attakk viċin l-ajruport.

Minn hawnhekk nixtieq nagħti ħajr lill-ħaddiema fil-missjonijiet diplomatiċi tagħna. Lil min xtaq jibqa' hemm, bqajna nagħtuh l-appoġġ meħtieġ permezz tal-Ambaxxata tagħna hemmhekk. Għalhekk minn hawnhekk nixtieq nagħti ħajr lil Maria Camilleri Calleja, l-Ambaxxatriċi tagħna fl-Emirati Għarab Magħquda, kif ukoll il-Konslu tagħna f'Dubaj, li s'issa stess baqgħu f'kuntatt ma' dawn iċ-ċittadini tagħna.

Ilbieraħ ukoll 26 Malti li kienu fil-Qatar ġew evakwati permezz ta' titjira tal-Qatar Airways lejn Berlin biex imbagħad ikunu f'qagħda li jirritornaw lejn pajjiżna. Il-pjan oriġinali kien li lil dawn il-persuni neħduhom Londra u minn hemmhekk jiġu pajjiżna, iżda s-sitwazzjoni bdiet tikkumplika ruħha biex wieħed jagħmel l-arranġamenti għad-dħul fir-Renju Unit fi żmien daqshekk qasir minħabba proċessi marbuta ma' viża. Għalhekk imbagħad iddeċidejna li jkun aktar faċli li tintuża titjira lejn pajjiż membru tal-Unjoni Ewropea.

Sur President, il-ġimgħa l-oħra qsamt magħkom f'din il-Kamra li bħala Gvern qegħdin all hands on deck. Illum ngħidilkom li mhux talli aħna hekk, talli llum aħna qegħdin iffokati wkoll biex nantiċipaw l-eventwalitajiet li jistgħu jiġru biex pajjiżna jkun f'qagħda li jilqa' għall-impatti internazzjonali. F'mument ta' tensjoni internazzjonali kbira, u inċertezza ġeopolitika, dan il-Gvern qed iżomm lil Malta stabbli, sigura u b'direzzjoni ċara. Kommessi li nibqgħu nagħtu l-istabbiltà, iċ-ċertezza u s-serħan il-moħħ f'Malta sigura.

Filwaqt li d-dinja qed taffaċċja sfidi kbar, Malta qed tibqa' pajjiż ta' stabbiltà, paċi u sigurtà. Pajjiżna llum għandu ekonomija diversifikati; illum saħansitra l-qasam tal-enerġija huwa diversifikat u d-dipendenza miż-żejt kompliet tonqos. Biss, iva, hemm sfidi li bħalissa ffokati fuqhom.

Lill-familji u lin-negozji li qed jistaqsuna jekk hux se nibqgħu nassiguraw l-istabbiltà fil-prezzijiet tal-enerġija, jiġifieri d-dawl, l-ilma, il-gass, il-petrol u d-diesel, ir-risposta tiegħi għal dan kollu hija: iva, u iva ċara u kategorika. Iva, se nżommu u niggarantixxu l-istabbiltà sħiħa fil-prezzijiet tal-enerġija. Se nibqgħu nassiguraw fost l-orħos prezzijiet tal-fjuwil li issa ilhom hekk kważi sitt snin, mindu

konna ħabbarna l-Pjan ta' Riġenerazzjoni Ekonomika fl-eqqel tal-bidu tal-pandemija tal-COVID-19. Niftakar li konna ħabbarna dak il-pjan lura f'Ġunju tal-2020 u minn dakinhar sal-lum żammejna l-prezzijiet tal-fuels kompletament stabbli, flimkien ma' dawk tad-dawl ukoll. Dawn il-prezzijiet għaddew minn pandemija, minn sfida internazzjonali tal-inflazzjoni u minn gwerra, it-tieni gwerra u issa t-tielet gwerra. U dawn il-prezzijiet ma għolewx lanqas b'ċenteżmu wieħed. Baqgħu stabbli, u iva, Sur President, se jibqgħu hekk!

Sal-bieraħ - u qed ngħid sal-bieraħ għaliex is-sitwazzjoni tant qed tinbidel u tiżviluppa malajr - kieku mhux qed nintervjenu, u kieku mhux għas-saħħa ta' sussidji qawwijin, il-prezz tal-petrol kien jitla' bi 38 ċenteżmu l-litru u d-diesel saħansitra kien jitla' b'45 ċenteżmu l-litru. Il-kalkoli kulħadd jaf jagħmilhom, kulħadd jaf kemm jikkonsma fuel u kulħadd jaf kemm kienet tfisser id-differenza fil-prezz kieku issa mhux qed ngħinu b'aktar saħħa. Dak li qed nagħtu lin-nies f'żewġ tax cuts konsekuttivi u għotjiet, malajr kien jibda jispiċċa jitnaqqar biex jagħmel tajjeb għaż-żidiet kawża tal-impatti internazzjonali.

Iżda aħna mhux talli m'aħna qed nieħdu u m'aħna se nieħdu xejn, talli qed nagħtu u se nibqgħu nagħtu iżjed. U iva, Sur President, se nkomplu nagħtu mill-qalb u bil-qalb. Għax aħna, Sur President, il-kontijiet tad-dawl u l-ilma u l-prezzijiet tal-petrol, tad-diesel u tal-gass, issussidjajniehom u se nkomplu nissussidjawhom bil-qalb!

Il-messaġġ tiegħi lill-Ministri u lit-tim kollu ta' warajja huwa ċar. Għandna l-aqwa Baġit fl-istorja, Baġit li l-ġimgħa l-oħra għaddejna l-implimentazzjoni tiegħu mill-Parlament u dawk id-€9.3 biljun għad-dispożizzjoni tal-pajjiż se jibqgħu hemm kif ippjanat biex ninvestu fil-poplu tagħna u fin-negozji tagħna. Sa tmiem il-ġimgħa li għaddiet tajna għotja ġdida ta' €500 lill-istudenti tal-10 u l-11-il sena tal-iskola sekondarja. Biha qed igawdu madwar 7,500 ġenitur u wliedhom. M'għedniex, kif kien jgħid ħaddieħor ftit tas-snin ilu, li għax issa faqqa' dan kollu madwarna, inbidlu ċ-ċirkostanzi u milli għedna m'hemm xejn u se jkollna nwaqqfu l-għotja. Aħna ma nagħmlux hekk, Sur President. Magħna l-familji u n-negozji jafu fejn qegħdin u aktar importanti minn hekk jafu fejn sejrin.

Iva, aħna garanzija ta' stabbiltà u ta' serħan il-moħħ. L-istess lill-pensjonanti, lill-ħaddiema, liż-żgħażagħ li tajniehom iż-żieda ta' 15% fl-istipendju fl-aħħar jiem. Gawdew madwar 16,600 student. Uħud minnhom iltqajt magħhom dalgħodu fl-Università ta' Malta waqt il-Careers Expo li għaddejja hemmhekk biex iż-żgħażagħ tagħna jkunu jistgħu jibqgħu joħolmu u jilħqu l-aspirazzjonijiet tal-karrieri ta' kwalità li qed noħolqu.

Jien dejjem kont ċar mal-familji u man-negozji tagħna: Intom komplu wessgħu l-aspirazzjonijiet tagħkom u l-inkwiet ħalluh għalina. Pajjiżi oħra bħalna fil-Mediterran qed jinnotaw tnaqqis fil-bookings fit-turiżmu, ngħid jien sfortunatament, għax dawn mhumiex ċirkostanzi li tieħu pjaċir bihom. Is-sitwazzjoni ġeopolitika wasslet biex komplew jogħlew l-ispejjeż iżda aħna għandna r-riżorsi kollha meħtieġa biex nibqgħu għaddejjin. Fuq quddiem nett aħna għandna l-vantaġġ li nesportaw is-servizzi u għandna l-aqwa ħaġa: il-qagħda finanzjarja b'saħħitha ta' pajjiżna. Jista' mhux ikollok prinċipji li temmen fihom u tgħid li tixtieq tagħmel hekk, tixtieq tagħmel hekk u tixtieq tibqa' tinvesti fin-nies, għax jekk ma tkunx f'qagħda li tmantni dik l-għajnuna, allura jkun kollu għalxejn. It-titjib li bassru l-esperti fuqna, li anke se nnaqqsu d-defiċit taħt it-3% qabel dak li kien imbassar u li għandna tkabbir ekonomiku ta' għaxar darbiet aktar mill-medja Ewropea, jagħtina l-ispazju kollu li huwa meħtieġ biex nimmanuvraw.

Sur President, għandna war chest b'saħħtu li rnexxielna nerġgħu nibnuh wara l-pandemija meta tlaqna niġru. Konna ngħidu li ma' tmiem il-pandemija mhux nirkupraw biss irridu, imma rridu li nerġgħu nitilqu niġru. Dak il-ħsieb issa wassalna biex kapaċi għal darb' oħra nerġgħu nwieżnu u nkunu t-tarka tal-poplu tagħna.

Ħaddieħor ma jistax jgħid l-istess. Sa ftit tax-xhur ilu pajjiżi oħra ġirien tagħna kellhom saħansitra diffikultà biex jgħaddu baġit jew biex gvern iżomm imqar għal sitt xhur. Aħna qatt ma emminna li l-awsterità hija s-soluzzjoni, anke meta s-sitwazzjoni internazzjonali hija diffiċli immens.

Sur President, 13-il sena ilu l-poplu beda paġna ġdida u għażel dan il-moviment biex imexxih. Minn dakinhar aħna qatt, qatt li hu qatt, Sur President, ma waqajna għall-politika ekonomika tal-awsterità. La qatt konna u qatt m'aħna se mmorru għal din il-politika li nafu li ġġib il-qerda fl-ekonomija tal-pajjiż u ttella' l-qgħad 'il fuq. L-aktar għażla faċli hija dik li tħalli s-suq isuq. Faċilment taqa' għal dik it-tentazzjoni u tgħid li ċ-ċirkostanzi internazzjonali huma dawk li huma. Ħaddieħor, ftit tas-snin ilu, kien waqa' għal dik it-tentazzjoni u bata poplu sħiħ. Imma aħna qatt ma konna tat-triq il-faċli.

Quddiem l-instabbiltà madwarna aħna qed noffru stabbiltà sħiħa. Quddiem l-insigurtà u l-inċertezza kollha li hawn madwar id-dinja, aħna qed nagħtu serħan il-moħħ sħiħ. Hekk se nkomplu nagħmlu u se nibqgħu nkunu hemm ta' spalla għalikom, il-familji u n-negozji Għawdxin u Maltin u għan-negozji kollha tagħna. Din hija l-politika li aħna nemmnu fiha. Il-politika tal-inċentiv u mhux tal-kastig. Il-politika tas-serħan il-moħħ u mhux tal-inċertezza. Kif konna dejjem magħkom fil-mument tal-prova, se nerġgħu nkunu llum, għada u pitgħada. Magħkom dejjem għax hekk jixirqilhom il-familji u n-negozji. L-investituri li joħolqu l-opportunitajiet f'pajjiżna.

Irridu nibqgħu nifirxu l-ġid ma' kulħadd. Lill-familji u n-negozji li qed jistaqsu, ngħidilhom dan:
Iva: serħan il-moħħ garantit.
Iva: il-prezzijiet tal-petrol, tad-diesel, tad-dawl, tal-ilma u tal-gass se jibqgħu kompletament protetti.
Iva: stabbiltà għall-familji u n-negozji.
Iva: deċiżjonijiet b'għaqal u responsabbiltà.

Għax meta kollox ikun qed jinbidel madwarna, Malta tibqa' soda u stabbli. Għax f'mumenti ta' inċertezza globali, il-pajjiż għandu bżonn tmexxija soda u aħna qed nagħtu tmexxija soda. Għax għalina l-politika mhix dwar il-biża', iżda dwar li nagħtu ċertezza sħiħa lill-poplu tagħna. Għax għalina, Sur President, il-messaġġ huwa wieħed ċar: Malta l-ewwel, in-nies l-ewwel.

Grazzi, Sur President.